# PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. NOEL V. ARRIGO LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 18 ta' Mejju 2001**

**Numru 10**

**Citaz. numru: 425/96 NA**

**Austin Demajo**

**vs**

**Francesca Amodeo**

**Il-Qorti,**

Rat ic-citazzjoni pprezentata mill-attur fit-8 ta' Frar 1996 quddiem din il-Qorti diversament presjeduta fejn ippremettiet:

"Illi l-partijiet izzewgu fil-31 ta' Ottubru 1991 skond certifikat taz-zwieg hawn anness u mmarkat Dokument "A";

Illi l-kunsens tal-konvenuta Francesca Amodeo kien ivvizzjat ghaliex kienet eskludiet li jkolha tfal minn dan iz-zwieg, u

kienet iddikjarat din l-eskluzjoni ma' l-attur qabel ma gie celebrat iz-zwieg;

Illi l-konvenut haseb erronjament li wara li jigi ccelebrat iz-zwieg il-konvenuta tbiddel fehmitha, pero' sfortunatament din l-attitudini taghha baqghet tippersisti matul iz-zmien kollu tal-hajja mizzewga qasira tal-kontendenti u dan kif jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

Illi dan l-agir juri bic-car li l-kunsens tal-konvenuta nkiseb bl-eskluzjoni ta' wiehed mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg hekk kif jirrizulta mill-Artikolu 19 (1) (f) ta' l-Att li jirregola z-Zwieg (Att XXXVII tal-1975 Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta' Malta);

TALAB li din il-Qorti:

1. tiddeciedi u tiddikjara illi z-zwieg bejn il-kontendenti ccelebrat fil-31 ta' Ottubru 1991 hawn fuq imsemmi kien null u nvalidu ghall-finijiet u effetti kolha tal-ligi u dana a tenur ta' l-Artikolu 19 (1) (f) ta' l-Att taz-Zwieg hawn fuq indikat.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta li hija ngunta minn issa ghas-subizzjoni taghha."

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tieghu, il-lista tax-xhieda w id-dokument minnu esebit.

Rat in-Nota ta' l-Eccezzjonijiet ipprezentati mill-konvenuta fl-1 ta' Dicembru 1997 fejn eccepiet illi:

1. "Illi hi tirrimetti ruhha ghall-gudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti skond ir-rizultanzi tal-kawza;

2. Illi pero' hi ma ghandhiex tbati spejjez stante li kif jiddikjara l-attur stess kemm fil-premessi tac-citazzjoni kif ukoll fid-dikjarazzjoni guramentata, hu kien jaf illi l-konvenuta ma tixtieqx tfal, u ghalhekk, nonostante l-isperanzi tieghu li jikkonvinciha mod iehor, seta' ma dahalx fi zwieg li kellu l-possibbilta' li jkun null;

3. Salvi eccezzjonijiet ohra."

Rat id-dikjarazzjoni guramentata taghha w il-lista tax-xhieda.

Fis-seduta tal-11 ta' Frar 1998 il-Qorti nnominat lill-Avukat Dottoressa Fiorella De Marco biex tigbor il-provi u tirrelata. Ir-rapport gie pprezentat fis-seduta tal-20 ta' Frar 2001. Fis-seduta tat-13 ta' Marzu 2001 il-Qorti awtorizzat lill-Perit Legali tahlef ir-relazzjoni taghha fir-Registru a tenur ta' l-Artikolu 472 (1) u 677 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta. Il-kawza giet differita ghas-sentenza in difett ta' ostakolu. Ir-rapport gie mahluf fl-4 ta' April 2001 u peress illi ma jirrizulta ebda ostakolu biex tinghata s-sentenza hija sejra tinghata llum.

Ikkunsidrat:-

Illi l-Perit Legali kkonsidrat fl-ewwel lok ix-xhieda mressqa mill-partijiet sew *viva voce* sew permezz ta' affidavits. Wara ghaddiet biex tezamina l-punti ta' dritt f'din il-materja partikolarment l-Artikolu 19 (1) (f) tal-Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta' Malta li fuqha l-attur kien qed jibbaza t-talba tieghu w osservat illi: "*Dak li jrid jigi ppruvat, sal-grad li trid il-Ligi taghna fil-kamp civili, hu li fil-mument tal-ghoti tal-kunsens matrimonjali, parti wahda jew it-tnejn, kellha jew kellhom, il-hsieb maghmul li ccahhad lill-parti l-ohra mid-dritt kif aktar 'il fuq imfisser, ossia li tonqos mid-dover korrispondenti*". Hija waslet ghall-konkluzzjoni illi mill-provi mressqa mill-partijiet

kien hemm "*elementi sufficjenti biex wiehed jasal ghall-konkluzzjoni li l-konvenuta eskludiet posittivament it-tfal miz-zwieg taghhom.*" Hija waslet finalment ghall-konkluzzjoni illi "*Minn dan kollu johrog l-isfond ghat-twemmin qawwi ta' Francesca li wassalha ghall-eskluzzjoni tal-prokreazzjoni peress li hasset li hija "haga irresponsabbli li ngibu t-tfal f'dinja mimlija konfuzjoni, incertezzi u nuqqas ta' sigurta'".*" u ghalhekk il-parir taghha kien illi dan iz-zwieg kellu jigi ddikjarat null a tenur ta' l-Artikolu 19 (1) (f) tal-Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ikkunsidrat:-

Illi din il-Qorti tikkondivi l-parir moghti mill-Perit Legali. Hija, f'diversi sentenzi minnha moghtija, recentement iddikjarat illi wiehed mill-elementi essenzjali taz-zwieg kif mifhum fis-socjeta' ta' pajjizna hija l-prokreazzjoni tat-tfal u li eskluzzjoni posittiva ta' dan l-element qabel iz-zwieg u partikolarment fil-mument li inghata l-kunsens ghaz-zwieg kellu jwassal ghal vizzju f'dak il-kunsens u ghalhekk ghan-nullita' taz-zwieg a tenur ta' l-Artikolu 19 (1) (f) tal-Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta' Malta.

Mill-ezmi tal-provi ma jidhirx illi jista' b'xi mod ikun ikkontestat illi l-konvenuta minkejja li esternament iddikjarat illi kienet sejra taccetta l-wild fiz-zwieg, internament eskludiet ghal kollox din il-possibbilita' u effettivament, waqt iz-zwieg, ghamlet minn kollox biex tevita illi jkollha tfal u, sahansitra, f'okkazzjoni avzat lill-attur li kienet sejra taghmel abort jekk tohrog tqila. L-attur kien jaf bis-sentimenti tal-konvenuta u baqa' bl-isperanza li hija kienet sejra tbiddel fehmitha fil-mument opportun. Dan jirrizulta li ma sarx u, bla dubbju, kienet l-aktar raguni ghall-argumenti bejn din il-koppja li wasslu biex dan iz-zwieg ifalli.

Dawn il-fatti johorgu b'mod car mhux biss minn dak li xehdet il-konvenuta u membri tal-familja taghha izda wkoll minn dak li kienet tghid lil habiba Jacqueline Laferla li kienet ilha habiba taghha minn mindu kellhom seba' snin. Ir-rezistenza tal-konvenuta li ma jkollhiex tfal u l-attitudini li ha l-attur f'dan ir-rigward jemergu minn dak li xehed l-istess attur quddiem il-Perit Legali. "*Hi kienet esprimiet l-idea taghha li ma xtaqitx li jkollha tfal, u dan kien inqala' mill-bidu tar-relazzjoni taghna u kien ikollna xi nghidu fuq das-suggett ta' sikwiet, u hi kienet tinsisti f'dan il-hsieb taghha.*" u aktar tard "*Meta hi kienet tghidli hekk jien ma tantx kont nehodha bis-serjeta' ghaliex*

*hafna nies kienu jghidu li ma jridux tfal, imma mbaghad kien ikollhom wara z-zwieg u ghalhekk kont nahseb li hi ser tbiddel fehmitha mal-medda taz-zmien. Jiena kont nghidliha dan il-hsieb tieghi u kont nghidilha li meta jasal iz-zmien naraw.*"

Dawn il-konsiderazzjonijiet in aggiunta ma' dawk imsemmija mill-Perit Legali jwasslu lill-Qorti biex tilqa' t-talbiet attrici u tiddikjara u tiddeciedi illi z-zwieg bejn il-kontendenti celebrat fil-31 ta' Ottubru 1991 kien null u invalidu ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi u dana a tenur ta' l-Artikolu 19 (1) (f) ta' l-Att taz-Zwieg.

Fir-rigward ta' l-ispejjez tal-kawza l-Qorti tacceta in parte dak iddikjarat mill-konvenuta fl-eccezzjonijiet taghha u jidhrilha illi, fic-cirkostanzi tal-kaz, ikun ekwu u gust li l-ispejjez jithallsu nofs bin-nofs bejn il-partijiet ghax bl-istess mod li l-attur seta' ma dahalx ghaz-zwieg ukoll setghet il-konvenuta li ma gietx imgieghla taghti l-kunsens taghha.

**ONOR. IMHALLEF NOEL V. ARRIGO LL.D.**

Deputat Registratur rf.